**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 ta' Lulju 2023**

Rikors Numru: 219/23 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 359/2017)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fis-sebgħa u għoxrin ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbatax (27/06/2014) ġewwa l-Paroċċa tax-Xemxija u da skond iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok A u minn liema żwieġ huma kellhom tifel li huwa E B li twieled nhar l-ewwel taJannar tas-sena elfejnn u sbatax (01/01/2017) u għaldaqstant għadu minorenni u dan skont iċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u immarkat bħala Dok B;

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mill-ħamsa ta' Ottubru tas-sena tnejn u għoxrin (05/10/2022) permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar Dottor Bernice Gatt, kopja tal-istess kuntratt qedgħha tiġi hawn annessa u immarkata bħala Dok C;

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi huma mifrudin u legalment separati, illum ghandhom ħajja totalment aljena minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohra/familji ġodda;

4. Illi l-esponenti dejjem mexa mal-klawsoli tal-kuntratt tas-separazzjoni u ħallas il- manteniment kif dovut u l-ispejjeż l-oħra ancillari kif inhu dovut minnhu;

5. Illi r-rikorrent qiegħed jiddikjara li qatt ma kien hemm problemi fit-twettieq ta xi obbligazzjoni illi huwa kellu jsegwi u li kienu naxxenti mill-kuntratt ta-separazzjoni fuq su riferit;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet u sabiex dan jiġi reġistrat fir- Registru Pubbliku

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet: -

1. Illi preliminarjament l-esponenti tixtieq tirrileva li ghalkemm hija m’ghandhiex oġġezzjoni għad-divorzju pero l-partijiet isseparaw fil-

5 ta’ Ottubru 2022 u ghalhekk m’ghaddietx s-sena mis-separazzjoni personali *de iure* taghhom;

2. Illi wkoll u minghajr pregudizzju għas-suespost, l-esponenti m’ghandhiex tbati ghall-ispejjez tal-proċeduri u tirrileva li t-termini tas-separazzjoni kif kuntratti għandhom jibqghu kollha fis-sehh;
3. Illi finalment jiġi rilevat li l-esponenti tixtieq u trid li tirriverti ghal kunjomha ta’ ebba u cioe` “F”

U dana taħt kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidrilha li hu xieraq u opportun.

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta’ April, 2022;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat ukoll illi l-intimata talbet li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` “F”; Il-Qorti tilqa’ t-talba u tidderigi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-passi kollha f’dan ir-rigward;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta’ Ottubru 2022;

Rat illi r-rikorrenti xehed u bil-gurament tiegħu qal li ilu de facto separat minn Jannar 2022.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lill-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ “F”, qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna

lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;